# Paċi u Ġid

No. 95: Mejju 2020

"It-talb u l-qadi fis-skiet: dawn huma l-armi rebbieħa tagħna."

Papa Franġisku

## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Claudia Zammit



### It-Talba tar-Rużarju f'Ħajjitna

Għeżież,

Kultant inħossu l-bżonn ta' ftit minuti fil-kwiet b'moħħna vojt bil-problemi u l-inkwiet tal-ġurnata. U nagħmlu tajjeb li nagħtu kas ta' dan il-bżonn. Fix-xahar ta' Mejju niftakru li t-talba tar-Rużarju tagħtina nifs li ngħixu ftit minuti fil-kwiet. Fir-ripetizzjoni sempliċi tas-Sliema u l-Qaddisa, bil-misteri tal-ħajja ta' Ġesù f'għaqda wieħed wara l-ieħor, moħħna jistrieħ u jwarrab it-thewdin fuq dak li jkun għaddej minna. U jidħol fina l-ispirtu ta' Marija, spirtu ta' fiduċja f'Alla l-Imbierek li jieħu ħsiebna, qaddejja tiegħu u bħal Marija ntennu, "Ikun minni skont kelmtek."

Ir-Rużarju hu talba li skont it-tradizzjoni, il-Madonna rrivelat lil San Duminku, fil-bidu tas-seklu tlettax u hija wkoll waħda mill-isbaħ devozzjonijiet lejn il-Madonna. Kull meta Marija dehret fid-dinja dejjem xtaqet li ngħidu r-Rużarju. Fil-fatt ir-Rużarju mqaddes ħa spinta kbira bid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes u f'Fatima u bl-appelli ta' ħafna qaddisin u Papiet. Fost il-Papiet insibu il-San Papa Pawlu VI li r-Rużarju deskrivieh hekk:

"Ir-Rużarju huwa talba evanġelika li tiċċentra fuq il-misteru tal-inkarnazzjoni u tal-fidwa, u għalhekk żgur li hu talba li twassalna lejn Kristu. Fil-fatt, anki meta ntennu l-Ave Marija, aħna nkunu qed nagħmlu att kontinwu ta' tifħir lil Kristu, li huwa l-għan aħħari kemm tat-Tħabbira tal-Anġlu, kif ukoll tat-tislima li għamlet omm il-Battista: 'Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek' (Luqa 1:42). U hemm xi ħaġa aktar minn hekk: fir-ripetizzjoni tal-Ave Marija hemm mistura dik ix-xi ħaġa li fuqha tintiseġ il-kontemplazzjoni tal-misteri: Ġesù li jissemma f'kull Ave Marija huwa l-istess Ġesù li l-misteri jpoġġu quddiemna, xi drabi bħala iben Alla u drabi oħra bħala iben il-Verġni Marija."

Kien il-Papa San Ġwanni Pawlu II li kompla żejjen ir-Rużarju meta mal-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja żied il-misteri tad-dawl. Dan kollu jurina kemm it-talba tar-Rużarju tappella għalina lkoll. Hija talba sempliċi. Ir-ripetizzjoni



tal-kliem tgħin biex tinħoloq atmosfera li fiha nistgħu naħsbu aktar dwar il-misteri fil-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu f'għaqda ma' Marija li kienet hekk qrib tiegħu f'ħajtu, fil-passjoni u fil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

Permezz ta' din it-talba sempliċi nemmnu li Ġesù u Marija huma magħna fil-ferħ u fid-dwejjaq tal-ħajja.



Bir-reċita tat-talba tar-Rużarju waqt li nagħmlu esperjenza tal-kobor bla qies tal-imħabba tiegħu għalina, nistgħu nirċievu kotra kbira ta' grazzji, bħal qisna qed nirċevuhom mill-idejn stess ta' Omm il-Feddej. Min jaf kemm ġid sar permezz tat-talba tar-Rużarju!

Min jaf kemm grazzji nqalgħu u kemm nies biddlu ħajjithom! Ejjew ma ninsewx li hi l-aktar talba li tagħti unur lill-Madonna u dik li hi tkun qed tistenniena nitolbu bil-ħerqa. Tassew li kulħadd jafu dan, imma kulħadd jitolbu?

Għeżież, ejjew niskopru mill-ġdid it-tifsira sħiħa tiegħu. Ejjew nagħtu lil din it-talba post importanti ħafna fil-ħajja spiritwali tagħna fil-familja. Fid-dinja tal-lum fejn il-valuri nsara m'għadhomx ta' valur, ħeġġu lil xulxin biex tiddedikaw kwarta mill-jum kollu biex titolbu r-Rużarju mat-tfal u b'hekk tagħtuhom valuri reliġjużi u fl-istess ħin tibnulhom karattru sod u ma jkunux bħal qasba tixxejjer ma' kull riħ. Huwa importanti ħafna li nderruhom miċ-ċokon biex meta jikbru ma jitilfu l-ebda okkażjoni biex jgħidu din it-talba ta' kuljum.

Nifhmu li bir-Rużarju nkunu qed nagħtu qima lil Omm Alla, qima li tpoġġi lil Kristu fiċ-ċentru tal-ħajja nisranija. F'dan il-proċess li fih insiru nixbhu lil Kristu, permezz tar-Rużarju, aħna nintelqu b'mod partikulari f'idejn Ommna Marija. Hija tgħinna nirbħu l-isfidi ġodda u bil-kuruna f'idejna nikbru fil-qdusija u taqlgħalna mingħand binha l-grazzja tas-salvazzjoni.

Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

## Tell us a Story Project
## at St Francis School, B'Kara




Earlier this week, St Francis School B'Kara hosted a three-day conference, as part of an Erasmus Project Tell us a Story. The school's SMT welcomed educators from various schools namely St George's Primary, Liverpool, Istituto Comprensivo Ghandi Firenze Italy, Laura Vicuna School Għasri Gozo and Our Lady Immaculate School, Hamrun.

The aim of this conference was to offer participants the opportunity to develop their story-telling techniques and develop resources that can be used at school and at home to stimulate the children's creativity. This activity was also aimed to help autistic children in literacy development. In fact, Ms. Jeanette Galea Soler and Ms Claire McElhatton (Autism support teachers from the Secretariat for Catholic Education) gave a presentation on challenges in Autism and the benefit of these resources for Autistic children.

The participants had the chance to receive training by Mr Louis Vella (Support teacher in Special Educational Needs) and Ms Natalie Calleja (Digital literacy at Secretarial for Catholic Education) on the use of the Board maker. Following this training, educators including teachers from different schools, members of the SMT, Head of Department Inclusion - SfCE, Autism Support Teachers and Service Manager Pastoral Care, worked in groups to develop the necessary resources to stimulate creativity during storytelling.



During this conference, Year 2 students at
St Francis School B'Kara had the chance to learn more about Digital



Literacy and Coding through an activity that was carried out by Ms Pamela Fenech and Ms Natalie Calleja (Digital Literacy Department SFCE). An activity called Women in Science was carried out with the aim to inspire students, especially girls, to become more engaged in scientific knowledge and hence to consider a career in science in the future.




Students learnt about the first female scientist Ada Lovelace whose invention and discovery reveals perseverance despite the challenges, which she fought against. The activity consisted of storytelling to inform the students about her life especially that she was one of the first computer programmers. Two digital literacy activities related to coding followed. One of them dealt with the main points in Ada's life using the BeeBot and the other dealt with step by step instructions for the children to build an aeroplane, related to Ada's dreams - machines that fly. This activity was carried out using the QboidzTM system by Engino kindly provided by robocoach®. Science and gender equality are both vital for the achievement of the internationally agreed development goals, including the 2030 Agenda for Sustainable Development.



St Francis School B'Kara keeps on working hand in hand with the Literacy and Numeracy Team within the Secretariat for Catholic Education to implement innovative and practical approaches which help students improve their literacy and numeracy skills. The resources created during this conference shall be gathered in a bank of resources and sent also to parents. Some of these resources are also relevant to Bible Stories. These are being created by Sr Alexandra Chircop, Service Manager for Pastoral Care within the SfCE.

# Edukaturi mill-iskola ta’ St Francis B’Kara jattendu konferenza dwar ‘Mindfulness’

MINDFULNESS in SCHOOLS PROJECT CONFERENCE 2020
Teaching Mindfully
How to build mindfulness into the school day
PRACTICE • TALKS • DISCUSSION

Edukaturi tal-iskola St Francis B’Kara kienu fost mitejn edukatur mill-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u l-Privat fejn qasmu l-esperjenzi tagħhom dwar il-kunċett ta’ mindfulness. Flimkien tgħallmu kif jistgħu jedukaw lill-istudenti biex dawn ikunu iżjed konxji tagħhom infushom u janalizzaw ħsibijiethom b’mod aħjar.

Il-mistedna ewlenija tal-konferenzabit-titlu: Mindfulness, Claire Kelly - Direttur għat-Taħriġ u l-Kurrikulu fir-Renju Unit, iddiskutiet il-ħtieġa li l-istudenti jkunu mgħejjuna jiffukaw u ma jħallux l-emozzjonijiet itellfulhom il-linja tal-ħsieb tagħhom.

Il-konferenza ġiet organizzata mill-Iskola Mater Boni Consilii St Joseph ta’ Raħal Ġdid. L-edukaturi kollha tal-iskola St Francis ta’ B’Kara attendew għal din il-konferenza bl-iskop li jżidu l-għarfien tagħhom dwar din il-ħtieġa u jużaw il-benefiċċji tagħha mal-istudenti. Dan il-kunċett beda dieħel sew fil-kurrikulu ta’ skejjel Ewropej. Ikun ta’ benefiċċju għal kull edukatur li jagħraf juża din il-prattika fil-ħajja tiegħu biex imbagħad jistħarreġ possibiltajiet li jestendiha bħala parti mir-rutina fil-klassi tiegħu. Bla dubju dan jista’ jagħti aktar frott jekk din il-ħtieġa tiġi implimentata fuq bażi ta’ skola.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onorevoli Owen Bonnici innota li l-kunċett beda jiġi integrat fis-sistema edukattiva f’diversi skejjel. Qal li r-riċerka turi li dan jgħin lill-istudenti jikbru fiżikament u psikoloġikament. Qal ukoll li riċerka li saret erba’ snin ilu fl-Awstralja turi li 50% tal-għalliema kienu diġà jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw għarfien tal-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom.



## Young volunteers at Work

## St Francis School, Gozo



Since one of this year's Eko-skola topics was "Communities" the student council came up with the idea of volunteering some of their time to help out around our convent. In this way they would appreciate better how important it is to help others without receiving anything in return.



A date was agreed upon – the 12th March 2020. Students were divided into groups. Each group was involved in different volunteering tasks including car washing, food preparation, sweeping and dusting, preparation of altar bread, preparing for Mass, and visiting the elderly amongst others. The students all carried out their duties enthusiastically and their bubbling joy echoed around the corridors of the Mother House.



The next day we had planned that in class we would discuss the students' reactions, how they felt, and how ready they were to do something similar next time. However soon after the students left for home we learned that school would not be opening the next day due to COVID-19, and in fact, this volunteering activity turned out to be the last activity these Year 6 students did in our school, as next scholastic year they will be moving on to Secondary schools.



Thank you, dear students. This was such a lovely idea which I managed to share with you on your last day at school. God bless you all, and may what you learnt from this activity remain with you throughout your life.

*************************************************************************************

## Il-Ħajja wara t-12 ta' Marzu

## St Francis, Bormla

Min qatt kellu jgħidli li t-tnax ta' Marzu, 2020 kellu jkun l-aħħar jum tiegħi bħala student tas-sitt sena fl-iskola primarja ta' St Francis! Kultant naħseb li qed ngħix f'ħolma u nsib ruħi

noqros lili nnifsi  sabiex inkun ċert li din hija realtà kerha u iebsa li lkoll kemm aħna sibna ruħna fiha.



Fit-tnax ta' Marzu, meta mort lura d-dar, ħsibt illi din il-waqfa tal-iskola ser tkun biss ta' ġimgħa jew ħmistax, iżda mbagħad bdejt nintebaħ illi dan iż-żmien se jkun ferm itwal. Il-jiem bdew jgħaddu u l-ġimgħat bdew igerrbu u dlonk bdejt inħoss ħafna n-nuqqas tal-ħbieb u r-rutina ta' kuljum. Kemm nixtieq li dak it-tgergir kollu li kont ingerger biex inqum kmieni jerġa' jiġi u niltaqa' ma' sħabi. L-aktar li qed inħoss hija l-firda min-nanniet tiegħi li għaddej bħalissa minnha. Kuljum kont immur inżur lin-nanna, iżda issa dan ma nistax nagħmlu.



Kollox kellu jinbidel. L-għalliema bdiet tibagħtilna xi noti u xogħol għad-dar biex nibqgħu nistudjaw u nitgħallmu. Jien bdejt nikkuntattja lil sħabi permezz ta' Messenger. Bdejna wkoll nilagħbu Uno flimkien. Tgħidx kemm dħakna meta rrealizzajna li lgħabna Uno b'mod virtwali! Il-ħajja ta' kulħadd inbidlet ta' taħt fuq. Ħafna nies mhumiex imorru għax-xogħol, fosthom il-ġenituri tiegħi. Ix-xiri li s-soltu kien ikun ta' spiss u jservi bħala ħarġa għall-familja,  issa qiegħed isir darba fil-ġimgħa minn persuna waħda tal-familja biex b'hekk jitnaqqas il-kuntatt man-nies kif qed jgħidulna l-awtoritajiet tas-saħħa!



Ikun hemm mumenti li ma nkunux nifilħu noqogħdu aktar ġewwa, għalhekk missieri u ommi joħduna dawra bil-karozza biex nieħdu naqra arja u nbiddlu ftit l-ambjent li nkunu xbajna ngħixu fih. Dak il-ħin tgħidx kemm naraw nies fi gruppi! Sfortunatament mhux kulħadd qed jobdi d-direttivi li qed joħorġu l-awtoritajiet! Ħafna nies ma fehmux kemm is-sitwazzjoni madwar id-dinja hija ħażina!




Ta' kuljum, għan-nofs siegħa, inkun fuq ix-xwiek biex nisma' lill-Profs Charmaine Gauci tagħti l-aħħar aġġornamenti dwar il-każijiet ġodda ta' dan il-virus ġewwa pajjiżna. Darba minnhom tassew bżajt hekk kif qalet li n-numru l-ġdid ta' nies infettati kien ta' 52. Iġri jgħaddi kollox!

Il-ġranet baqgħu għaddejjin u wasal it-tmintax ta' Marzu, għeluq snini.  Din is-sena ma ċċelebrajtux kif xtaqt jiena, niġri u nilgħab mal-kugini u l-ħbieb. Għalhekk iċċelebrajtu b'mod differenti.  L-ewwel għamilt kejk ma' ommi imbagħad żejjinna d-dar għall-okkażjoni.

Filgħaxija qsamna l-kejk, iżda jkolli nistqarr li ħassejtni ftit stramb naqsam il-kejk mingħajr ħbieb u qraba!

Il-mużew, l-isport favorit tiegħi u l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, ukoll kelli ninfired minnhom. Niftaħ it-televixin u ħlief aħbarijiet fuq dan l-imbierek virus ma tarax. Madankollu, nipprova nkun pożittiv u nħares lejn il-ħajja minn lenti oħra. Dan iż-żmien qed iservini sabiex nirrifletti aktar u ngħożż aktar lil dawk ta' madwari. Bħala familja qegħdin ngħaddu aktar ħin flimkien, nitkellmu, nilagħbu fil-bitħa, insajru xi affarijiet li jogħġbuna u xi kultant nagħmlu xi riċetta ġdida, nieklu flimkien, naqraw u naraw it-televixin, iżda wkoll qegħdin insibu ħin biex nitolbu flimkien.




Coronavirus, Covid-19, nies imutu, nies imdejqa, toroq vojta ... iebsa l-ħajja ... immens. Nitolbu 'l-Bambin sabiex dan il-perjodu jfittex jgħaddi u nkunu nistgħu nerġgħu nibdew ngħixu l-ħajja kif nafuha ... il-ħajja ta' qabel it-tlettax ta' Marzu.
Sadanittant, Ibqgħu Ġewwa!

Borg Gabriel, Borg Ryan, Bugeja Emma , Chetcuti Julia
Studenti tas-sitt sena minn St Francis School, Bormla

*************************************************************************************

## Ma kinitx pandemija!

## Riflessjoni wara tliet ġimgħat bil-bibien tal-iskola magħluqa.

## St Francis, Msida




It-12 ta' Marzu 2020 kien l-aħħar jum li l-iskola fetħet il-bibien. Ma kinitx pandemija! It-tfal għebu; il-kollegi mhux b'inqas ... fil-kurituri ma baqa' xejn għajr baħħ u skiet taqtgħu b'sikkina

... sakemm iddeċidejna li nsejħu lill-ġenituri biex jiġu jiġbru l-kotba ta' wliedhom.

Fit-tliet ijiem li ddedikajna għall-ġbir tal-kotba, kienu ħafna l-ġenituri li dehru anzjużi u b'sensazzjoni ta' dieqa. Saħansitra, xi ommijiet qabżulhom demagħtejn hekk kif rifsu l-għatba tal-iskola, jew daħlu fis-sala, jew raw il-kotba ta' wliedhom skjarati b'sens ta' dispjaċir li l-iskola għalqet il-bibien ħesrem. U min irnexxielu jikkontrolla d-dmugħ, kien miksur sew u fittex ħa li kellu jieħu u dabbar rasu. Ma kienx hemm ġenitur/kustodju wieħed



li ma kellux kliem ta' tifħir u ringrazzjament għal dak kollu li l-edukaturi qed jagħmlu ma' wliedhom, saħansitra f'din is-sitwazzjoni li qed toffri sfidi kbar f'kull settur. Kollha stqarrew magħna li huma kburin bl-edukaturi u li huwa apprezzat mhux ftit, l-isforz u l-impenn li qed jieħdu b'risq uliedhom.

Ma naqasx li l-ġenituri jgħidulna li t-tfal qed isemmu ħafna l-iskola u li ddejqu d-dar. Uħud qalulna li kuljum jistaqsu lill-ġenituri meta se jeħduhom l-iskola u wkoll li qed iħossu ħafna n-nuqqas tal-għalliema u ta' sħabhom. Omm partikolari qaltilna li binha qalilha, "X'se tmur iġġibhom tagħmel il-kotba Mà, biex noqgħod inħares lejhom u nibki?!" Kienu waħdiet il-ġenituri li ġenwinament ma kellhomx ma' min iħallu t-tfal u għax ħallewhom fil-karozza, talbuna noħorġu nxejrulhom miz-zuntier tal-knisja tagħna li jagħmel mal-iskola. Niftakar tifel partikolari li malli lemaħni, niżżel jiġri l-ħġieġa tal-karozza u b'kemm kellu saħħa għajjat, "Bye Sister!" Emmnuni, l-eku ta' din l-għajta għadu f'widnejja. Tassew xeni li jaqsmu l-qalb.

Jalla ma ddumx ma tgħaddi minn fuqna dis-sħaba sewda li ħasditna lkoll.
Jalla ma jdumx ma jfeġġ il-bnazzi u jsibna mimlijin ferħ u enerġija għal sena skolastika ġdida.
Jalla ma ndumux ma nerġgħu nisimgħu l-ilħna ferrieħa tal-anġli żgħar afdati fl-iskejjel tagħna.
Jalla minn din l-esperjenza nitgħallmu napprezzaw aktar il-ħajja waqt li nagħrfu li kollox hu providenza. Fuq kollox, jalla nagħrfu darba għal dejjem, li Alla Hu s-Sid ta' ħajjitna li jgħid: Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn!



**Tiftixa N.13: Sib il-kliem mitluf.**

| | | |
|---|---|---|
| ANDAR | ART | BALAL |
| BOKKLA | DEŻERT | DIVAN |
| DWIEFER | FRAN | FTILA |
| ĦAWSLA | ĦJAR | MUS |
| MUŻAJK | QOFFA | SETAĦ |
| SUFA | SUSA | TEŻORI |
| TORRIJIET | | |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | F | U | S | H | E | P | L | J | Ħ | M | U | S |
| N | A | B | A | L | A | L | L | E | T | T | I | K |
| D | R | Ħ | N | F | I | N | D | N | I | R | T | E |
| A | T | O | A | R | B | E | W | I | B | Ħ | R | F |
| R | T | GĦ | O | W | Ż | A | IE | M | V | J | GĦ | T |
| I | Ċ | Ż | V | E | A | L | F | X | G | A | T | I |
| M | E | IE | R | N | V | B | E | A | M | R | N | L |
| T | X | T | L | Ħ | N | A | R | F | U | F | N | A |
| V | W | L | A | S | U | S | A | Q | Ż | T | S | Z |
| B | O | K | K | L | A | M | K | U | A | A | E | Z |
| F | Ż | Q | O | F | F | A | K | F | J | S | T | R |
| F | Ħ | A | W | S | L | A | T | A | K | Q | A | J |
| T | O | R | R | I | J | IE | T | U | B | R | Ħ | T |

Isem :______________________ Skola:_____________________

Kunjom:____________________ Klassi:_____________________

---

## Taf tgħidli min? #10

| | |
|---|---|
| 1. Meqjus fi kliemu. (Prov. 10, 19) | |
| 2. Kapaċi jkattar il-ħbieb. (Sir. 6, 5) | |
| 3. Idum biex jagħdab. (Sir. 5, 4) | |
| 4. Aħjar kelb ħaj minn dan mejjet. (Koħ. 9, 4) | |
| 5. Mibgħuta mill-Mulej biex isalvawhom. (Imħ. 2, 16) | |
| 6. Imut dan, jitħassar il-poplu. (Imħ. 2, 19) | |
| 7. David ried li dan imut fil-gwerra. (2 Sam. 11, 15) | |
| 8. Fejn twaddab id-Dragun? (Apk. 12, 9) | |
| 9. Lili…, għax ngħid is-sewwa (Ġw. 8, 45) | |
| 10. Tkun iġġustifikat jew ikkundannat minn… (Mt. 12, 37) | |

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Skola | |
| Klassi | |

---

Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.94 ta' Marzu 2020 u r-rebbieħa huma: Cristian Bezzina (Yr 2, St Francis Msida) u Maria Mifsud (Yr 2, St Francis B'Kara).

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2020. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom:

f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
4, St Anne's Convent,
Franciscan Sisters Street
San Gwann, SGN 2341

jew

f'dan l-inidrizz elettroniku:
fcjgrp7@gmail.com

“Ibqgħu qrib it-Twajba Ommna Marija, magħqudin magħha u fiha.”

*Venerabbli Qaddejja T’Alla Madre Margerita*



**Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù**